MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2008

Appell Kriminali Numru. 212/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. A. Miruzzi)**
**Vs**
**Joseph Abela**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fil-31 t’Ottubru, 2007, ghall-habta tal-5.15 p.m. fl-inhawi tal-Mosta, waqt stagun miftuh ghall-kacca ta’ l-ghasafar minn fuq l-art, waqt li kien b’vettura b’numru ta’ registrazzjoni EAZ 396, kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar li kienet ikkargata.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-2 ta’ Lulju, 2008, li biha, wara li rat ir-regolament 18(1)(g) tal-Avviz Legali 79 tal-2006, sabet lill-appellant hati w ikkundannatu multa ta’ €233.
Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-4 ta' Lulju, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tannulla s-sentenza appellata sabiex b'hekk l-appellant jigi lliberat mill-akkuza dedotta kontra tieghu.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant, jikkonsisti fis-segwenti w cioe' illi jekk kien hemm xi incident jew xi allegat kummissjoni ta' infrazzjoni bhal dik li jinsab akkuzat biha l-appellant dina certament ma sehhitx fil-jum indikat fl-akkuza izda se mai w jekk xejn il-Pulizija waqqfu lill-appellant fil-jum tal-25 ta'Ottubru, 2007. Illi ghalhekk gia la darba il-jum li allegatament fih sehh l-allegat reat huwa indikat skorrettement, l-appellant ghandu jigi liberat minn l-akkuza.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat

Illi l-unika prova li hawn fil-process attinenti ghall-incident u l-akkuza in ezami hija l-affidavit ta' PS 882 John Falzon, liema affidavit ma kienx gie kontestat quddiem l-Ewwel Qorti ghaliex l-istess difiza ddikjarat a fol. 5 illi qed tirrinunzja ghall-kontro ezami ta' dan l-uniku xhud tal-prosekuzzjoni.

Illi d-dokumenti l-ohra li hemm esebiti fil-process minn fol. 7 sa fol. 10 manifestament jidhru li jirriferu ghal incidenti ohra w mhux dak tal-31 t'Ottubru, 2007, ghaliex jirriferu ghall-fatti ohra differenti ghal kollox minn dawk li jissemmew fl-akkuza odjerna w jidhru li gew inseriti fil-process bi zball. L-appellant ma xehedx u ma gab ebda prova biex jikkontradici l-affidavit in kwistjoni.

Ghalhekk, kuntrarjament ghal dak li jissottometti l-appellant, il-prova li ghamlet il-Prosekuzzjoni bl-affidavit

ta' P.S. Falzon ma hi skossa b' ebda mod u din il-Qorti - bhall-Ewwel Qorti - mhux biss ma tarax li m' ghandhiex toqghod fuqha, izda addirittura f' dan il-kaz tirravviza li jezistu c'cirkostanzi kollha biex tiddikjara dan l-appell bhala wiehed ghal kollox fieragh.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata w , wara li rat l-artikolu 429 (2) tal-Kodici Kriminali, tiddikjara l-appell bhala wiehed fieragh w ergo tikkundanna lill-appellant hamsin Euro (€ 50) ammenda, oltre l-piena erogata mill-Ewwel Qorti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------